MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Numru. 534/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**Vs**

**Lawrence Azzopardi ta' 42 sena, bin Francis u Gejta nee' Aquilina, imwieled Paola fit-22 ta' Mejju 1965 li joqghod nru.34, Ditch Street, Paola, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 271265(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Lawrence Azzopardi li permezz taghha huwa gie akkuzat:

Talli fil-15 ta' April 2007 ghal habta ta' xi 7:00p.m. waqt li kien fi Triq ix-Xatt J.B. Azzopardi, Isla bil-hsieb li jaghmel delitt wera dana il-hsieb b'atti esterni, izda li minghajr il-

hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor fil-periklu car, permezz ta' xi arma, strument, jew ghodda ohra ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta' Manuel Abela, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u dana b'arma, strument jew ghodda irregolari (vettura numru ABL243) u dana bi ksur ta'l-artikoli 41(1)(a), 64, 214, 216, 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Manuel Abela, skond ma iccertifika Dr. D. Zammit MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid u dana bi ksur ta'l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ikkaguna hsara fuq siggijiet, imwejjed u tazzi ghad-dannu ta' Frank Ahar liema hsara tammonta ghal madwar Lm140 u dana bi ksur ta'l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli saq jew ipprova isuq jew kellu l-kontroll ta' motor car li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi bi ksur ta'l-artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65;

Talli saq ipprova isuq jew kien fil-kontroll ta' motor car li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor wara li kien ikkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt u dana bi ksur ta'l-artikolu 15B tal-Kpaitolu 65;

Talli saq vettura bin-numru ABL243 b'manjera traskurata, negligenti u perikoluza u dana bi ksur ta' l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli saq vettura bin-numru ABL243 b'giri aktar milli jmissu u dana bi ksur ta'l-artikolu 127 tal-MVR;

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hedded bi hwejjeg iebsin (arma) li Manuel Abela u lil

persuni ohra u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok u hin hebb ghal Manuel Abela u persuni ohra sabiex tingurjahom, idejjaqhom jew tghamillhom hsara u dana bi ksur ta’l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li itellef jew inaqqas l-gieh ta’ Manuel Abela wegghu bi kliem, b’gest jew b’mod iehor u dana bi ksur ta’l-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b’hekk sar recidiv b’sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u dana ai termini ta’l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tad-19 ta’ Gunju 2007 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mil-provi migjuba quddiem il-Qorti jirrizulta illi l-imputat Lawrence Azzopardi fil-gurnata in kwistjoni kien jinstab gewwa l-Conquest Bar proprjeta ta’ certu Frank Ahar. Huwa kien akkumpjant mit-tfajla tieghu Ruth Becker li xehdet f’dawn il-proceduri. Jidher illi f’hin minnhom din Becker qamet sabiex tmur sat-toilets, fejn hemhekk beda idejjaqha ragel li beda jigbidha minn idejha. Kif l-imputat

induna b'dana huwa mar sabiex jassisti lit-tfajla tieghu u b'hekk huma spiccaw gew fl-idejn. L-imputat jallega illi huwa spicca imsawwat u anke sofra xi griehi f'dina il-glieda. Jidher illi l-imputat flimkien mat-tfajla tieghu u xi nies ohra inharrgu mill-hanut minn Ahar u huh u iddahhlu fil-vettura ta'l-imputat sabiex huma jitilqu minn fuq il-post. Minn hawnhekk il-verzjoni moghtija mix-xhieda li iddeponew f'dawna il-proceduri hija wahda kemmxejn konfliggenti u dana peress illi min-naha l-wahda l-imputat, it-tfajla tieghu kif ukoll ix-xhud Richard Mercieca u Frank Ahar stess, sid il-hanut, ighidu illi fuq in-naha ta' barra tal-hanut fejn kien hemm bilqieghda il-vittma Emanuel Abela flimkien mat-tfajla tieghu Janice Piscopo, kien hemm numru ta' nies li bdew jitfghu bosta imwejjed u siggijiet fid-direzzjoni tal-vettura misjuqa mill-imputat u l-imputat meta ra hekk harab jigri minn fuq il-post.

Il-vittma u Piscopo min-naha taghhom isostnu mod iehor meta ighidu illi kien l-imputat illi wara li telaq minn fuq il-post bil-vettura tieghu, rega' dawwar u saq il-karozza tieghu ghal fuq xi imwejjed u siggijiet li kien hemm quddiem il-hanut, b'dana illi wahda mill-imwejjed taret u laqtet lil Abela. Mad-daqqa huwa waqa ma'l-art u qata' idejh bil-hgieg li kien hemm fl-art. B'hekk huwa garrab il-griehi kif elenkati fic-certifikat mediku esebit bhala Dokument LA5.  Kemm il-vittma kif ukoll Piscopo fl-ebda mument ma jsemmu li kien hemm xi nies li bdew jitfghu l-imwejjed u siggijiet fid-direzzjoni ta'l-imputat, izda jsostnu il-kontra u cioe' illi n-nies li kien hemm barra il-bar, kif raw lill-imputat gej fid-direzzjoni taghhom bil-vettura tieghu, harrbu 'il gewwa ghax bezghu.

Il-Qorti ghalhekk ghandha dubbji serji jekk fil-fatt il-vittma intlaqatx bl-imwejjed li tajjar l-imputat bil-vettura tieghu jew inkella bl-affarijiet l-ohra (fosthom ukoll xi imwejjed, tazzi u platti), li bdew jintefghu min-nies li kien hemm prezenti barra fid-direzzjoni tal-vettura misjuqa mill-imputat.

Fi kwalunkwe kaz jidher illi l-imputat fl-ebda mument ma kellu l-*mens rea* u cioe' l-intenzjoni illi huwa jikkaguna xi griehi lil Emanuel Abela u jekk dana sehh, kif jallega Abela, dawna l-griehi gew ikkagjonati b'mod involontarju

mill-imputat, li minhabba is-sewqan tieghu laqat xi imwejjed li taru u laqtu accidentalment lil vittma. Illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi Abela kien b’xi mod involut fil-glieda li bdiet gewwa il-hanut. Jidher illi Abela kien qieghed jiekol mat-tfajla tieghu fuq xi mejda barra il-bar u li kif isostni huwa stess lill-imputat huwa ighid li lanqas biss jafu. Certament ghalhekk l-imputat ma kellu l-ebda intenzjoni li jikkaguna xi griehi lil Abela jew inkella li seta kellu xi intenzjoni li jikkometti dana ir-reat.

Dana qed jinghad peress illi l-akkuza ewlenija f’dana il-process kriminali huwa ta’ tentattiv ta’ offiza volontarja fuq il-persuna ta’ Emanuel Abela. Mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti ma jirrizultax illi l-imputat kellu l-intenzjoni illi huwa jikkaguna xi offiza fuq il-persuna ta’ Emanuel Abela. Wisq inqas ghalhekk ghamel xi atti li jistghu iwasslu sabiex huwa jikkometti dana ir-reat, liema reat ma giex kommess minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu. L-azzjonijiet maghmula mill-imputat meta huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu fid-direzzjoni tal-bar ma jindikaw bl-ebda mod illi l-imputat kien qieghed jipprova jikkometti ir-reat ta’ offiza volontarja fuq il-persuna ta’ Abela. Huwa fatt inkontestat illi l-argument li kellu l-imputat gewwa l-bar ma kienx ma Abela, lil Abela huwa lanqas biss kien jafu u ghalhekk ecrtament ma setax jifforma xi intenzjoni illi jaghmillu xi offiza fuq il-persuna tieghu.  F’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali, il-Pulizija vs Emanuel Zammit, deciza fit-30 ta’ Marzu 1998, gie deciz:

***“Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta’ offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’l-ghemil tieghu” Il-Professur Mamo ighid: “To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without***

***requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues."***

Mill-provi prodotti ghalhekk ma jirrizultax illi l-imputat kellu l-*animus nocendi* u cioe' xi intenzjoni generika li jikkaguna xi hsara fuq il-perusna ta' Emanuel Abela. Huwa biss ir-reat ta' offiza ta' natura involontarja li tista tirrizulta f'dana il-kaz, reat li madanakollu dwaru l-imputat ma jinstabx akkuzat.

Illi ghar-rigward tat-tentattiv tar-reat in dizamina, dana wisq inqas jista' jirrizulta. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tieghu isostni illi bosta awturi u guristi taljani huma tal-fehma illi ir-reat ta' tentattiv ta' offiza volontarja qatt ma tista' tirnexxi u dana peress illi huwa kwazi impossibli illi jigi ippruvat il-grad ta' hsara illi ikun ser jigi ikkagunat fuq il-vittma a priori.

Illi fi kwalunkwe kaz, kif diga inghad, l-prosekuzjoni ma irnexxiliex tipprova illi l-imputat seta' kellu xi intenzjoni generika illi jikkaguna xi offiza ta' natura volontarja fuq il-vittma u ghalhekk wisq anqas irnexxielha tipprova illi fil-fatt sehh xi tip ta' tentattiv min-naha ta'l-imputat sabiex jikkometti dana ir-reat.

L-istess jista' jinghad ghat-tieni akkuza u cioe' dik prevista fl-artikolu 221 tal-kapitolu 9 u cioe' l-akkuza ta' offiza ta' natura hafifa. Huwa minnu illi Abela sofra griehi ta' natura hafifa kagun ta' dana l-incident, izda kif diga' gie ampjament spjegat iktar 'il fuq, il-prova dwar il-volontarjeta' ta'l-intenzjoni ta'l-imputat sabiex jikkometti dana ir-reat hija ghal kollox nieqsa. Maghdud dana kollu, il-Qorti temmen illi mix-xhieda li iddeponew f'dawn il-proceduri huwa difficli ssabiex jigi stabbilit jekk id-daqqa tas-siggu li qala' il-vittma sehhietx b'konsegwenza diretta ta'l-azzjonijiet ta'l-imputat jew inkella b'konsegwenza ta' azzjonijiet maghmula minn nies ohra prezenti li ma ingiebux jixhdu f'dawn il-proceduri u li allegatament bdew ukoll jitfghu xi oggetti fid-direzzjoni ta'l-imputat.

Illi ghalhekk lanqas l-akkuzi l-ohra ta' natura kontravenzjonali migjuba fil-konfront ta'l-imputat ma

irrizultaw ippruvati u cioe' minn imkien mill-provi ma irrizulta illi l-imputat f'xi hin hebb ghal jew hedded jew ingurja lil Emanuel Abela. L-istess jista' jinghad ghall-akkuza kontemplata fl-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi mill-provi migjuba jidher illi l-imputat fl-ebda hin ma kellem jew indirizza lil vittma. Wisq anqas ghalhekk seta' wegghu b'xi kliem jew b'xi gesti.

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat illi ikkaguna hsara volontarja fuq il-proprjeta ta' Frank Ahar u cioe' xi hsara fuq xi imwejjed, siggijiet u tazzi liema hsara tammonta ghal madwar Lm140. Illi lanqas dina l-akkuza ma tirrizulta ippruvata. Illi fl-ewwel lok Frank Ahar u cioe' is-sid ta' dawna l-oggetti, fid-deposizzjoni tieghu ma jindikax l-ammont tal-hsara ikkagjonata lilu. Ighid illi inkissrulu xi platti u tazzi, izda la jindika l-kwantita' u lanqas il-valur ezatt ta' dawna l-oggetti. Ighid ukoll illi l-imwejjed u is-siggijiet kienu b'xi reklam u kwindi minghajr valur. Fi kwalunkwe kaz, ghalkemm kif inghad jidher illi l-hsara ikkagjonata kienet wahda minima, hemm dubbju serju kemm kien l-imputat li ikkaguna dina l-hsara ghaliex kif xehdu l-imputat, it-tfajla tieghu, Richard Mercieca u Frank Ahar stess, kienu n-nies li kien hemm fuq in-naha ta' barra tal-bar u li daru kontra l-imputat u bdew jitfghu dawn l-oggetti, u mhux l-imputat. Illi dana id-dubbju ghalhekk certament jimmilita favur l-imputat u kwindi lanqas dina l-akkuza ma tirrizulta.

Illi ghar-rigward ta'l-akkuzi dwar is-sewqan ta'l-imputat, il-Qorti tirrileva illi fl-ebda hin ma tressqet il-prova tal-*breathylaser test*. Fil-fatt ma jidhirx illi dana it-test gie amministrat fuq il-persuna ta'l-imputat. Lanqas mill-provi migjuba ma jirriuzlta illi l-imputat kien xurban. L-imputat ighid illi huwa xorob madwar zewg jew tlett tazzi inbid. Ahar, sid l-bar, ighid illi l-imputat ma kienx ilu fil-hanut tieghu jixrob. Il-manuvri li kien qieghed jaghmel l-imputat fis-sewqan tieghu kien ta' wiehed qed jipprova jahrab minn fuq il-post u mhux ta' wiehed xurban li ma ghandux il-kontroll tal-vettura tieghu. Kwindi l-akkuzi previsti fl-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultawx ippruvati.

Jidher madanakollu illi sabiex jaghmel dawna l-manuvri evasivi, l-imputat ma kienx qieghed jiehu kont tas-sewqan tieghu u ghalhekk certament kien qed isuq b'mod perikoluz (ghalkemm ma irrizultax li kien qieghed isuq b'xi speed ecessiv), tant illi fil-fatt laqat mal-bankina u anke laqat xi imwejjed biex b'hekk kien ta' periklu kemm ghan-nies li setghu kienu fuq il-bankina f'dak il-hin kif ukoll ghan-nies li setghu kienu bil-qieghda fuq l-imwejjed li kienu fuq l-istess bankina. Kwindi ghakemm is-seba akkuza ma tirrizultax ippruvata, l-istess ma jistax jinghad ghas-sitt akkuza u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati ta' dina l-akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15(1)(a),(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu ghajr ghas-sitt akkuza u cioe' tas-sewqan perikoluz u negligenti, li taghha qieghed jinstab hati u tikkundannah ghal multa ta' mitejn euro (€200).

Il-Qorti qiegheda tordna ukoll li l-imputat jigi skwalifikat milli ikollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------